

**Il-Ħamrun... fil-passat din il-belt kienet magħrufa bl-isem ta' Casale San Giuseppe.**

# *Kif kiber il-Ħamrun*

**○ Qabel is-seklu tmintax, il-Ħamrun kien art vojt, imżewwaq xi ftit 'l hawn u 'l hinn b'xi dar tal-Kavallieri għall-villeġġjatura jew xi razzett. Insibu mniżżel fi djarju qadim li n-nies tal-Belt kienu joħorġu sa Casale San Giuseppe għall-villeġġjatura. Jiġifieri li Casale San Giuseppe kellu dak kollu li jagħmlu arjuż u sbejjaħ.**

Hawn wieħed irid jiftakar li l-vjaġġi dak iż-żmien xejn ma kienu bħal ma huma llum, għaliex jew kien ikollok tmur riekeb fuq xi karettun jew inkella f'xi karozzella u li meta tasal sat-tela' kien ikollok tinżel u titlagħha bil-mixi.

Għalhekk Via San Giuseppe, kif wara sar magħruf Casale San Giuseppe, malajr ħa l-popolarità għaliex relattivament ftit li xejn għandu għoljiet, neħħi kemmxejn it-tela' ta' Atoċja. Fil-bqija għandek art watja li tiddomina taħtha kemm il-baħar sbejjaħ ta' Tal-Pietà u n-naħa l-oħra għandek id-daħla ħelwa ta' Ta' Ċejlu.

Imma l-importanza tiegħu Via San Giuseppe ħadha minħabba l-qrib li għandu lejn il-Belt Valletta u billi huwa l-arterja prinċipali li minnu tifred għal bosta rħula oħra. Ta' min jgħid li hemm wisq fatturi x'wieħed iqajjem dwar kif seta' ħa l-importanza dan ir-raħal li maż-żmien kiber u kotor bħall-ilma.

L-aktar biċċa popolari fil-Ħamrun kienet dik ta' Tas-Samra bi knisja ħelwa żokkra dedikata lil Santa Marija. Hemmhekk qisu lest biex jisfida kull element, kien u għadu wieqaf it-Torri ta' l-Ilma li jagħmel parti mill-akwadott li kien bena Wignacourt fl-1610 biex minnu wassal l-ilma lejn il-Belt.

U l-isfel minn dan insibu plier tal-ħaġar li llum jinsab magħluq ġo bitħa tan-nies,

li jfakkar meta fl-1870 il-Gran Mastru De Rohan irranġah, u qisu bi tpattija, kien bena palazz fit-tela' ta' Tas-Samra u li llum aħna nsibuha bħala r-Rampa.

Dik il-parti tal-Ħamrun taħbat fuq ir-riħ ta' Ħal-Qormi u kienet qisha l-fortizza Masada fil-Ġudeja li ndukrat ix-xmara Nil. Hekk ukoll din il-għolja, meta l-Franċiżi irmew għajnejhom fuq Malta, kellha tkun il-Għolja tas-Samra li ħadet ħsieb tagħmel l-għassa fuq it-taħrik kollu ta' l-għadu u ma ħalliet l-ebda suldat Franċiż jixref mill-Bieb tal-Bombi.

Kemm l-Ordni kellha għal qalbha din l-art narawh fil-għadd ġmielu ta' vilel u palazzi li nbnew fi żmienha. Jissemma' Dar il-Ljuni li dak iż-żmien kien jagħmel parti minnu, imma naħseb li ftit jista' jixxiebaħ ma' dak li kien bena l-Balliju De Blacas D'Aups fejn illum hemm is-sorijiet tax-xjuħ. Jien rajt pjanta oriġinali li kienet qiegħda fl-Uffiċċju tax-Xogħlijiet Pubbliċi li tindika sewwa kif kienet din il-villa, jew biex insejħulha aħjar, dan il-ġnien Botaniku li kien hemm.

Milli jidher, dan l-imbierek ta' Balliju De Blacas li n-nies laqqmitu bħala Ta' Frakass, mhux villa għas-sajf għamel imma ġnien botaniku li fih kellu funtani, siġar minn kull għamla u ħxejjex oħra. Il-kobor tal-palazz kien ilaħħaq sal-pjazza kollha bil-faċċata tiegħu mat-triq ewlenija. Illum dan il-palazz ftit li xejn baqa' minnu u n-naħa ta' wara ta' l-istitut għad baqa' xi ħaġa minnu.

Dan kien biex ingħidu hekk l-isbaħ xempju ta' palazz tas-seklu 18 li jinsab fil-qalba tal-Ħamrun. Ma nistgħux inħallu barra wkoll il-fly over, li kien ħallieh ċertu Giovanni Barbieri lill-Fratellanza tal-Karità ta' San Pawl tal-Belt b'kuntratt tat-28 ta' Awissu, 1627. Rajna hawn fil-qosor ħafna l-importanza li kellha din l-art matul iż-żminijiet u kif żviluppat.

Imma l-iżvilupp huwa bħall-ilma ġieri, dejjem miexi bla ma jwaqqfu ħadd. Maż-żmien il-popolazzjoni kotrot sewwa u għalhekk bdiet tinħass il-ħtieġa ta' knisja kbira biex tkun tista' tlaħħaq mal-ħteġijiet li bdew jiżdiedu ta' kuljum. Hawn wieħed irid jiftakar f'ħaġa li għad illi fiha nfisha għandha ċerta mportanza żgħira, meta nħarsu lejha llum, dak iż-żmien kienet gravi u saħansitra sa ġol-Kunsill (il-Parlament ta' dak iż-żmien) issemmiet.

Kienu ilhom itambru quddiem l-awtoritajiet biex jaraw kif jagħmlu u hawn insibu bosta nies qalbiena li semmgħu leħinhom fil-ġurnali. Il-qalba ta' Via San Giuseppe kienet maqsuma fi tliet parroċċi b'ġurisdizzjoni fuq din il-wesgħa ta' art, indaqs. Sibt imniżżel li l-Imħallef Conti kien minn Ħal-Qormi u Dun Fortunat Valletta kien minn Birkirkara.

Fil-fatt dawn kienu joqgħodu ħdejn Cassar tar-ritratti u l-ieħor ħdejn Santunnuzzu. Għalhekk, meta kien jinqala' xi ħaġa, kont tikkonfondi għal-liema parroċċa kellek tirrikorri billi l-parroċċi kollha kienu mbiegħda sew. Imma maż-żmien Santunnuzzu sar Viċi parroċċa u b'hekk forsi taffa xi ftit mit-tbatijiet tal-poplu.

Imma l-idea ta' knisja akbar issa qabdet sewwa. Saru xi rikorsi fl-1862 quddiem l-awtoritajiet biex jew iħallihom ikabbru l-knisja ta' Santu Nuzzu, jew inkella li tinbena oħra, issa li milli kien jidher inqalgħu benefatturi li offrew somom ta' flus. Minn naħa l-oħra l-Baruni li kellu ġurpatronat tal-knisja ż-żgħira beda jhedded li jagħlaq il-knisja u dan forsi sewa biex ħeġġeġ lin-nies.

Sa fl-aħħar il-Gvern iċċaqlaq, sab biċċa art li kienet proprjetà ta' l-Imħallef

Giovanni Conti, xtraha u bil-kuntratt tat-2 ta' Diċembru, 1868, il-Gvern irregalaha lill-Kumitat li kien twaqqaf għal t'apposta. Fuq il-kuntratt dehru Dun Pietru Pawl Borg Debono għall-knisja u s-sur Giovanni Vella, Kollettur tat-Taxxi għall-Gvern. Fi żmien għaxar snin kellha tinbena.

Tqiegħdet l-ewwel ġebla tagħha fit-13 ta' Ġunju, 1869 mill-Isqof Gejtanu Pace Forno li tant ħadem biex saret bla ma ra mitmuma. Bħal dik il-qroqqa li tiġbor taħt ġwinħajha l-flieles tagħha, hekk il-knisja l-ġdida ġabret lejha l-poplu kollu li ngħaqad għalenija billi jaraha mtella'. Kien tqabbad il-perit Gorg Schinas li ħażżeż pjanta oriġinali tassew u li kellha tinbena kif ħażżiżha hu, kien ikun fiha għaxqa ta' l-arti.

Imma għal xi raġuni l-pjanta ma saritx kollha u wara kellhom jingħalqu bibien u jinfetħu oħrajn u rqaqat oħra li kienu jagħmlu minn din il-knisja xempju ta' arkitettura sabiħa. Fil-**Guida Generale di Malta e di Gozo** ta' l-1905 insibu li s-sbuħija ta' dan it-tempju minn barra kien jonqsu l-koppla, ħafna piramidi u statwi li kollha tħażżu mill-magħruf Schinas.

Fl-1875 il-knisja tlestiet u tbierket mill-Isqof Scicluna. Imma hawn jerġa' jidher misteru ieħor. X'kien li damet ħames snin biex twaqqfet f'parroċċa meta wieħed jiftakar li din saret indipendenti fl-1 ta' Diċembru, 1881. L-għaliex il-qassis li tant ħadem għall-knisja dam ma laħaq Kappillan? L-għaliex laħaq Dun Fortunat Valletta bħala Kappillan u mhux Dun Lebrun li l-ġurnali ta' dak iż-żmien sejħulu l-id il-leminija tal-Kumitat?

L-għaliex Dun Fortunat laħaq erba' snin wara li saret parroċċa? Milli jidher li dak iż-żmien kien hemm xi ftit tal-partiti dwar l-għażla tal-Kappillan. Tgħid kien hemm xi oppożizzjoni min-naħa tal-parroċċi li ħarġet minnhom? Min jaf x'kienet ir-raġuni. Qatt ma rnexxieli nsib dokumenti dwar dan.

Kien x'kien, il-limiti ta' dil-parroċċa l-ġdida kienu kbar wisq u kif jixhed il-motto tagħha stess **"Dlonk Nikber"**, kienu realtà. Fejn illum hemm il-Marsa u Santa Venera, dawn kollha kienu jagħmlu mal-Ħamrun.

Imma dawn wieħed wara l-ieħor bdew jinħallu u llum ma naraw xejn għajr il-Ħamrun waħdu (li reġa' nqasam fi tnejn biex ħarġet minnu parroċċa oħra - dik tal-Kunċizzjoni) biex iħares dejjem aktar 'il quddiem u jkompli miexi lejn il-progress li qabad mill-bidu ta' l-eżistenza tiegħu.

**Alfie Guillaumier.**

**Anthony Piscopo Co. Ltd**

**Wine, Ice & Spirit Merchants**

**117, Zabbar Road, Paola**

**Tel: 697074, 691084**

*jaċċetta ordnijiet ta' xorb għal kull xorta ta' parties*

*ENGAGEMENTS, TIĠIJIET, MAGĦMUDIJIET, FESTI, PUSSESS TA' SAĊERDOTI, PARTIES FIL-KAŻIN, EĊĊ.*

*Jiġu accettati lura fliexken li ma jintużawx*

*Prezzijiet Moderati ħafna*